2024/834

7.3.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/834

tal-5 ta' Marzu 2024

li jemenda l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 fir-rigward tal-entrati għall-Kanada u għall-Istati Uniti fil-listi ta' pajjiżi terzi awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 230(1) u 232(1) u (3) tiegħu.

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jipprevedi li sabiex jidħlu fl-Unjoni, il-konsenji ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali jridu jkunu ġejjin minn pajjiż terz jew territorju, jew minn żona jew kompartiment tiegħu, elenkati f'konformità mal-Artikolu 230(1) ta' dak ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 ([2]) jistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali li l-konsenji ta' ċerti speċijiet u kategoriji ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali, li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi jew territorji, jew minn żoni tagħhom, jew minn kompartimenti tagħhom fil-każ tal-annimali tal-akkwakultura, iridu jkunu konformi magħhom sabiex jidħlu fl-Unjoni.

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 ([3]) jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom, li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni tal-ispeċijiet u l-kategoriji tal-annimali, tal-prodotti ġerminali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692. Dawk il-listi u ċerti regoli ġenerali li jikkonċernaw dawk il-listi huma stabbiliti fl-Annessi I sa XXII ta' dak ir-Regolament.

(4) B'mod aktar partikolari, l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jistabbilixxu l-listi ta' pajjiżi terzi, jew territorji, jew żoni tagħhom li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni, rispettivament, ta' konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa.

(5) L-Istati Uniti nnotifikaw lill-Kummissjoni dwar ħames tifqigħat tal-HPAI fil-pollam fl-istati ta' Missouri (4) u North Carolina (1), li ġew ikkonfermati bejn l-20 ta' Frar 2024 u t-23 ta' Frar 2024 permezz ta'analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(6) Wara dawn it-tifqigħat reċenti tal-HPAI, l-awtorità veterinarja tal-Istati Uniti stabbiliet żoni ristretti ta' mill-inqas 10 km madwar l-istabbilimenti affettwati u implimentat politika ta' qerda biex tikkontrolla l-preżenza tal-HPAI u tillimita t-tixrid ta' dik il-marda.

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/429/oj.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/692/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali skont ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2021/404/oj).

(7) L-Istati Uniti ppreżentaw informazzjoni lill-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni epidemjoloġika fit-territorju tagħhom u dwar il-miżuri li ħadu biex jipprevjenu aktar tixrid tal-HPAI.

(8) Dik l-informazzjoni ġiet evalwata mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni qieset li, fid-dawl tas-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali fiż-żoni bir-restrizzjonijiet stabbiliti mill-awtorità veterinarja tal-Istati Uniti, jenħtieġ li jiġi sospiż id-dħul fl-Unjoni ta' konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa minn dawk iż-żoni, sabiex jiġi protett l-istatus tas-saħħa tal-annimali tal-Unjoni.

(9) Barra minn hekk, il-Kanada u l-Istati Uniti pprovdew informazzjoni aġġornata lill-Kummissjoni b'rabta mas-sitwazzjoni epidemjoloġika fit-territorji tagħhom fir-rigward tal-HPAI li wasslet għas-sospensjoni tad-dħul fl-Unjoni ta' ċerti prodotti, kif stabbilit fl-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(10) Il-Kanada ppreżentat informazzjoni aġġornata dwar is-sitwazzjoni epidemjoloġika b'rabta ma' tifqigħa waħda tal-HPAI fil-provinċji ta' Quebec, li ġiet ikkonfermata fl-4 ta' Diċembru 2023 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(11) L-Istati Uniti ppreżentaw informazzjoni aġġornata dwar is-sitwazzjoni epidemjoloġika b'rabta ma' 23 tifqigħa tal-HPAI fi stabbilimenti tal-pollam fl-istati ta' Arkansas (1), California (2), Kansas (1), Maryland (1), Minnesota (12), Ohio (3), u Wisconsin (3), li ġew ikkonfermati bejn is-17 ta' Ottubru 2023 u s-27 ta' Diċembru 2023.

(12) Il-Kanada u l-Istati Uniti ppreżentaw ukoll informazzjoni dwar il-miżuri li ħadu biex jipprevjenu aktar tixrid tal-HPAI. B'mod partikolari, wara t-tifqigħat tal-HPAI, il-Kanada u l-Istati Uniti implimentaw politika ta' qerda sabiex jikkontrollaw u jillimitaw it-tixrid ta' din il-marda, kif ukoll lestew ir-rekwiżit tat-tindif u tad-diżinfezzjoni wara l-implimentazzjoni tal-politika ta' qerda fl-istabbilimenti tal-pollam infettat fit-territorji tagħhom.

(13) Il-Kummissjoni evalwat l-informazzjoni ppreżentata mill-Kanada u mill-Istati Uniti, u tqis li pprovdew garanziji xierqa li s-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali li wasslet għas-sospensjoni tad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' ċerti prodotti miż-żoni kkonċernati f'dawk il-pajjiżi terzi, kif stabbilit fl-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404, ma għadhiex ta' theddida għas-saħħa tal-annimali jew għas-saħħa pubblika fl-Unjoni u li, konsegwentement, jenħtieġ li jiġi awtorizzat mill-ġdid id-dħul fl-Unjoni ta' dawn il-konsenji miż-żoni kkonċernati tal-Kanada u tal-Istati Uniti li minnhom kien ġie sospiż id-dħul fl-Unjoni.

(14) Għalhekk, jenħtieġ li l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jiġu emendati biex titqies is-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali fir-rigward tal-HPAI fil-Kanada u fl-Istati Uniti.

(15) Filwaqt li titqies is-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali fl-Istati Uniti fir-rigward tal-HPAI, u sabiex jiġi evitat tfixkil bla bżonn fil-kummerċ mal-Kanada u mal-Istati Uniti, jenħtieġ li l-emendi li għandhom isiru fl-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 permezz ta' dan ir-Regolament isiru effettivi bħala kwistjoni ta' urġenza.

(16) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u applikabbiltà

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Marzu 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness V huwa emendat kif ġej:

(a) fil-Parti 1, it-Taqsima B hija emendata kif ġej:

(i) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringiela għaż-żona CA-2.225 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**CA** Il-Kanada	CA-2.225	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		4.12.2023	23.2.2024";

(ii) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.466 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.466	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		17.10.2023	18.2.2024";

(iii) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żoni US-2.470 u US-2.471 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.470	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		18.10.2023	7.2.2024
	US-2.471		N, P1		19.10.2023	18.2.2024";

(iv) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.499 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.499	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		9.11.2023	7.2.2024";

(v) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.507 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.507	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		14.11.2023	7.2.2024";

(vi) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.516 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.516	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		20.11.2023	18.2.2024";

(vii) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.526 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.526	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		16.11.2023	22.2.2024";

(viii) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.530 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.530	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		22.11.2023	21.2.2024";

(ix) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.532 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.532	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		24.11.2023	22.2.2024";

(x) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.535 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.535	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		21.11.2023	14.2.2024";

(xi) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żoni US-2.544 u US-2.545 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.544	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		29.11.2023	21.2.2024
	US-2.545		N, P1		29.11.2023	18.2.2024";

(xii) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.552 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.552	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		28.11.2023	21.2.2024";

(xiii) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.554 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.554	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		1.12.2023	21.2.2024";

(xiv) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żoni US-2.556 u US-2.557 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.556	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		4.12.2023	25.2.2024
	US-2.557		N, P1		4.12.2023	23.2.2024";

(xv) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żoni US-2.566 u US-2.567 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.566	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		5.12.2023	14.2.2024
	US-2.567		N, P1		6.12.2023	18.2.2024";

(xvi) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.569 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.569	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		8.12.2023	23.2.2024";

(xvii) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.572 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.572	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		7.12.2023	21.2.2024";

(xviii) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.580 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.580	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		12.12.2023	25.2.2024";

(xix) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.587 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.587	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		19.12.2023	18.2.2024";

(xx) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.600 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.600	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		27.12.2023	24.2.2024";

(xxi) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni US-2.626 sa US-2.630 jiżdiedu wara r-ringiela għaż-żona US-2.625:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.626	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		21.2.2024	
	US-2.627		N, P1		21.2.2024	
	US-2.628		N, P1		21.2.2024	
	US-2.629		N, P1		20.2.2024	
	US-2.630		N, P1		23.2.2024";	

(b) fil-Parti 2, fl-entrata għall-Istati Uniti, id-deskrizzjonijiet li ġejjin taż-żoni US-2.626 sa US-2.630 jiżdiedu wara d-deskrizzjoni taż-żona US-2.625:

"L-Istati Uniti	US-2.626	L-Istat ta' Missouri Dallas 01 Il-Kontea ta' Dallas: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-punt tat-Tramuntana: (koordinati GPS: 93.1531182°W 37.6819447° N)
	US-2.627	L-Istat ta' Missouri Dallas 02 Il-Kontea ta' Dallas: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-punt tat-Tramuntana: (koordinati GPS: 93.1474217°W 37.6711047° N)

	US-2.628	L-Istat ta' Missouri Dallas 03 Il-Kontea ta' Dallas: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-punt tat-Tramuntana: (koordinati GPS: 93.1192152°W 37.6970134° N)
	US-2.629	L-Istat ta' North Carolina Duplin 01 Il-Kontea ta' Duplin: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-punt tat-Tramuntana: (koordinati GPS: 77.8128097°W 35.2509513° N)
	US-2.630	L-Istat ta' Missouri Dallas 04 Il-Kontea ta' Dallas: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-punt tat-Tramuntana: (koordinati GPS: 93.1544521°W 37.6362354° N)";

(2) fl-Anness XIV, fil-Parti 1, it-Taqsima B hija emendata kif ġej:

(a) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringieli għaż-żona CA-2.225 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** Il-Kanada	CA-2.225	POU, RAT	N, P1		4.12.2023	23.2.2024
		GBM	P1		4.12.2023	23.2.2024";

(b) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żona US-2.466 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.466	POU, RAT	N, P1		17.10.2023	18.2.2024
		GBM	P1		17.10.2023	18.2.2024";

(c) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żoni US-2.470 u US-2.471 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.470	POU, RAT	N, P1		18.10.2023	7.2.2024
		GBM	P1		18.10.2023	7.2.2024
	US-2.471	POU, RAT	N, P1		19.10.2023	18.2.2024
		GBM	P1		19.10.2023	18.2.2024";

(d) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żona US-2.499 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.499	POU, RAT	N, P1		9.11.2023	7.2.2024
		GBM	P1		9.11.2023	7.2.2024";

(e) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żona US-2.507 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.507	POU, RAT	N, P1		14.11.2023	7.2.2024
		GBM	P1		14.11.2023	7.2.2024";

(f) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żona US-2.516 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.516	POU, RAT	N, P1		20.11.2023	18.2.2024
		GBM	P1		20.11.2023	18.2.2024";

(g) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żona US-2.526 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.526	POU, RAT	N, P1		16.11.2023	22.2.2024
		GBM	P1		16.11.2023	22.2.2024";

(h) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żona US-2.530 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.530	POU, RAT	N, P1		22.11.2023	21.2.2024
		GBM	P1		22.11.2023	21.2.2024";

(i) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żona US-2.532 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.532	POU, RAT	N, P1		24.11.2023	22.2.2024
		GBM	P1		24.11.2023	22.2.2024";

(j) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żona US-2.535 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.535	POU, RAT	N, P1		21.11.2023	14.2.2024
		GBM	P1		21.11.2023	14.2.2024";

(k) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żoni US-2.544 u US-2.545 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.544	POU, RAT	N, P1		29.11.2023	21.2.2024
		GBM	P1		29.11.2023	21.2.2024
	US-2.545	POU, RAT	N, P1		29.11.2023	18.2.2024
		GBM	P1		29.11.2023	18.2.2024";

(l) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żona US-2.552 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.552	POU, RAT	N, P1		28.11.2023	21.2.2024"
		GBM	P1		28.11.2023	21.2.2024";

(m) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żona US-2.554 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.554	POU, RAT	N, P1		1.12.2023	21.2.2024"
		GBM	P1		1.12.2023	21.2.2024";

(n) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żoni US-2.556 u US-2.557 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.556	POU, RAT	N, P1		4.12.2023	25.2.2024
		GBM	P1		4.12.2023	25.2.2024
	US-2.557	POU, RAT	N, P1		4.12.2023	23.2.2024"
		GBM	P1		4.12.2023	23.2.2024".

(o) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żoni US-2.566 u US-2.567 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.566	POU, RAT	N, P1		5.12.2023	14.2.2024
		GBM	P1		5.12.2023	14.2.2024
	US-2.567	POU, RAT	N, P1		6.12.2023	18.2.2024
		GBM	P1		6.12.2023	18.2.2024";

(p) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żona US-2.569 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.569	POU, RAT	N, P1		8.12.2023	23.2.2024
		GBM	P1		8.12.2023	23.2.2024";

(q) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żona US-2.572 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.572	POU, RAT	N, P1		7.12.2023	21.2.2024
		GBM	P1		7.12.2023	21.2.2024";

(r) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żona US-2.580 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.580	POU, RAT	N, P1		12.12.2023	25.2.2024
		GBM	P1		12.12.2023	25.2.2024";

(s) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żona US-2.587 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.587	POU, RAT	N, P1		19.12.2023	18.2.2024
		GBM	P1		19.12.2023	18.2.2024";

(t) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żona US-2.600 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.600	POU, RAT	N, P1		27.12.2023	24.2.2024
		GBM	P1		27.12.2023	24.2.2024";

(u) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni US-2.626 sa US-2.630 jiżdiedu wara r-ringieli għaż-żona US-2.625:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.626	POU, RAT	N, P1		21.2.2024	
		GBM	P1		21.2.2024	
	US-2.627	POU, RAT	N, P1		21.2.2024	
		GBM	P1		21.2.2024	
	US-2.628	POU, RAT	N, P1		21.2.2024	
		GBM	P1		21.2.2024	
	US-2.629	POU, RAT	N, P1		20.2.2024	
		GBM	P1		20.2.2024	
	US-2.630	POU, RAT	N, P1		23.2.2024	
		GBM	P1		23.2.2024".	